Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,444, 27 ta' Mejju, 2025

Taqsima B

A.L. 94 tal-2025

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2025 dwar Metodi għat-Teħid ta' Kampjuni u Analiżi għall-Kontroll tal-Livelli ta' Diossini, PCBs Simili għad-Diossina u PCBs mhux Simili għad-Diossina f'Ċerti Oġġetti tal-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 25 u 52 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2025 dwar Metodi għat-Teħid ta' Kampjuni u Analiżi għall-Kontroll tal-Livelli ta' Diossini, PCBs Simili għad-Diossina u PCBs mhux Simili għad-Diossina f'Ċerti Oġġetti tal-Ikel.

(2) L-għan ta' dawn ir-regoli hu li jimplimentaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/644 tal-5 ta' April 2017 li jistabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll tal-livelli ta' diossini, PCBs simili għad-diossini u PCBs mhux simili għad-diossini f'ċerti oġġetti tal-ikel, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 589/2014.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 437.

"Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

"Dipartiment" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Direttur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/644" tfisser ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/644 tal-5 ta' April 2017 li jistabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll tal-livelli ta' diossini, PCBs simili għad-diossini u PCB mhux simili għad-diossini f'ċerti oġġetti tal-ikel u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 589/ 2014, kif fis-seħħ minn żmien għal żmien.

(2) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regoli u li ma humiex imfissra

hawnhekk għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/644 u fl-Att:

Iżda f'każ ta' kunflitt għandhom jipprevalu t-tifsiriet fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/644.

Awtorità kompetenti.

3. Id-Dipartiment għandu jkun l-awtorità kompetenti f'Malta għall-finijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/644.

Taqsima IX tal-Att.

4. Bla ħsara għal kwalunkwe setgħa jew responsabbiltà oħra skont il-liġi, u għall-applikazzjoni tagħha fi kwalunkwe mod ieħor skont il-liġi, it-Taqsima IX tal-Att għandha tapplika wkoll *mutatis mutandis* għal dawn ir-regoli.

Reati u pieni.

5. (1) Bla ħsara għar-regola 4, kwalunkwe persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli jew xi obbligu skont dawn ir-regoli, jew li tikser xi dispożizzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/644, jew tfixkel lil xi persuna responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom, għandha teħel meta tinstab ħatja, il-pieni stabbiliti fl-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregola (1), il-Qorti tista' tordna wkoll lil kwalunkwe persuna li tinstab ħatja ta' reat, sabiex tħallas għall-ispejjeż inkorsi mill-awtorità kompetenti u mid-Direttur b'riżultat tal-imsemmi reat, kif ukoll ir-revoka ta' kwalunkwe permess jew ċertifikat maħruġ skont dawn ir-regoli u l-konfiska, iż-żamma jew il-qerda jew mod ieħor ta' disponiment tal-annimali u, jew ħwejjeġ oħra involuti.

Dritt ta' appell.

Kap. 490.

6. (1) Id-deċiżjonijiet tad-Direttur skont dawn ir-regolamenti għandhom ikunu soġġetti għad-dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

(2) Appell skont dan ir-regolament għandu jiġi intavolat fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tad-Direttur:

Iżda d-deċiżjoni tad-Direttur għandha ssir applikabbli u infurzabbli minnufih u għandha tibqa' applikabbli matul it-terminu tal-appell sas-sentenza finali tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u għandha tibqa' applikabbli sakemm ma tkunx inqalbet mit-Tribunal jew irtirata mid-Direttur.

Kap. 490.

(3) Għandu jkun hemm dritt ta' appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva lill-Qorti tal-Appell f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Thassir u riżervi. L.S. 437.75.

7. (1) Ir-Regoli dwar il-Metodi għat-Teħid ta' Kampjuni u Metodi ta' Analiżi għall-Kontroll Uffiċjali ta' Diossini u d-Determinazzjoni ta' PCB fl-Għalf simili għad-Diossina huma b'dawn mħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.

(2) Kwalunkwe att, deċiżjoni jew azzjoni meħuda qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regoli għandhom jibqgħu jiġu regolati mid-dispożizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subregola (1), kif fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regoli.

Emenda konsegwenżjali. Kap. 490.

8. Fit-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Ġustizzja Amministrattiva, minnufih wara l-aħħar partita tal-liġijiet sussidjarji għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"Regoli dwar Metodi għat-Teħid ta' Kampjuni u Analiżi għall-Kontroll tal-Livelli ta' Diossini, PCBs Simili għad-Diossina u PCBs mhux Simili għad-Diossina f'Ċerti Oġġetti tal-Ikel, L.S. 437.122, Kompetenza Superjuri / Inferjuri".